**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Numru: 330 / 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur John Spiteri)**

vs

**Robert Attila Majlat**
**Robert Attilane Majlat**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Robert Attila Majlat, imwieled gewwa Miskolc, l-Ungerija nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 1978 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' Ungeriza bin-numru 199275LA u kontra l-imputata Robert Attilane Majlat nee Omissis Inez Aniko, imwielda gewwa Miskolc, l-Ungerija, nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 1983 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta tal-identita ungeriza bin-numru 257057LA, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl- 14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza u theddid, inkluz is-serq ta'persuna, b'qerq jew ingann, uzu hazin ta' awtorita, influwenza jew pressjoni, u biili taw jew ircivew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffikaw persuni ta' eta' u cioe lil Omissis u Omissis bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttati fil-produzzjoni ta' oggetti jew fl-ghoti ta' servizzi u kif ukoll ghall-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 248A, 248B u 248D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iz-zina ta' haddiehor, gieghlu bil-vjolenza jew hajjru b'qerq persuni ta' eta' u cioe lil Omissis u Omissis ghall-prostituzzjoni, liema delitt sar bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh;

3. U aktar talli xjentement ghexu ghal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' xi persuna ohra;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokali iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, allogg jew lukanda jew appartament privat u hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg lukanda jew

appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet mmorali;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lill- Omissis u Omissis il-biza li ser tintuza l-vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap. 9;

7. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi lil Robert Attila Majlat wahdu b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi bi vjolenza ikkometta stupru fuq il-persuna ta' Omissis;

8. U akkuzati ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer irrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 ral-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta wara li gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, joghgobha tordna wkoll l-konfiska ta' oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti ukoll gentilment giet mitluba li sabiex waqt il mori tal-kawza tohrog Ordni ta' Imblukkar tal-Propjeta ta'l-akkuzati ai termini tal-artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi , tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti , jekk ikun il kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet finalment mitluba ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-Kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa fil-konfront ta' Omissis u Omissis u l-membri familjari taghhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 357) datata 18 ta' Gunju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputati Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fir-Rigward ta' Robert Attila Majlat:

- Fl-Artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, 248E(1) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikili 205(a)(b), 251B, 222(1)(a), 202(h)(v) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7(1)(3), 8(1)(3), 9, 10 u 18 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' Robert Attilane Majlat:

- Fl-Artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, 248E(1) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikili 205(a)(b), 251B, 222(1)(a), 202(h)(v) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7(1)(3), 8(1)(3), 9, 10 u 18 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti:

(a) Ma sabitx lill-imputati hatja tal-hames (5), tas-sitta (6), tas-sebgha (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u ghalhekk illiberathom minnhom;

(b) U wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31, 205(a)(b), 248A(1)(a) (2), (3), 248A(2), 248 B, 248E(1), 382A, 383, 384, 386 u 412C, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 (1) (3), 8 (1) (3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta sabet liz-zewg imputati hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2), ittielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u ikkundannat lil Robert Attila Majlat ghall-piena ta' tnax (12)-il sena prigunerija u lil Robert Attilane Majlat ghall-piena ta' tnax (12)-il sena prigunerija b' kollox erbgha u ghoxrin (24) sena prigunerija bejniethom.

Il-Qorti ordnat wkoll sabiex a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 jigu konfiskati a favur il-Gvern ta' Malta d-dokumenti kollha markati minn RS 1 sa RS 15 konsistenti f'telefons cellulari, laptop, Ipad/Tablet u Sim Card starter pack li gew esebiti fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2018 stante li mill-provi prezentati dawn l-oggetti gew uzati fil-kommissjoni tar-reati li taghhom l-imputati instabu hatja.

Il-Qorti ordnat wkoll li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-parte civile *Omissis*u *Omissis* ghall-

perijodu ta' hames (5) snin u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti ordnat wkoll lill-imputati sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali jhallsu bejniethom u fi kwoti indaqs l-ammont totali ta' elf, sitt mija, erbgha u disghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,694.92) rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti ordnat wkoll sabiex kopja tad-dokumenti kollha li gew prezentanti mar-rikors tal-imputati fit-tmintax (18) ta' Settembru 2019 jigu komunikati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni halli jidentifika jekk sarx xi tentattiv biex ikun hemm il-korruzzjoni tax-xhud *Omissis* li xehdet f'dawn il-proceduri u jekk fl-affermattiv sabiex l-istess Kummissarju imexxi skont il-ligi fil-konfront tal-persuni li jirrizulta li ikkomettew tali reat.

Fl-ahhar nett il-Qorti ordnat wkoll divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-vittmi u tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u dan sabiex tigi protetta l-identita tal-istess vittmi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Robert Attila Majar u Robert Attilane Malat pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1) tannulla is-sentenza; jew

2) Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellanti mil-hames (5), is-sitta (6), is-sebgha (7) u tmien (8) imputazzjoni u tikkancella f'dik il-parti li sabet htija; u/jew

3) f'kaz li sentenza tibqa invarjata, tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Punti ta' procedura li jirrendu s-sentenza nulla u bla effett.

Illi s-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-imputati hija wahda nulla u bla effett u dan peress li l-procedura tal-gbir tal-provi kienet wahda monka u leziva ghad-drittijiet ta' l-appellant kif sancit minn l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzjoni tal-Malta kif ukoll ta' l-artikolu 534AC et sequitur tal-Kodici Kriminali;

Dan qed jintqal peress li l-appellant tul il-proceduri ma kienux f'kull seduta assistiti minn traduttur u diversi xhiedha xehdu bl-lingwa li huma ma jifhmux;

Illi procedurament il-parte offiza f'dan il-kaz qatt ma talbet formalment li tigi ammessaa bhala parte civile bi ksur lampanti tal-procedura kontemplata fl-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Nonostante dan hija thalliet tiehu sehem attiv fil-kawza b'detriment serju tal-procedura u bi pregudizzju ghad-dritt tas-smiegh xieraq ta' l-appellanti. Dan in-nuqqas jrendi s-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellanti nulla u bla effett u dan peress li l-prosekuzzjoni ghandha titmexxa biss mill-prosekuzzjoni;

Appell mid-digriet intelokutorju datata 28 ta' Gunju 2019

Illi fil-mori tal-kawza l-appellanti talbu li jaghmlu l-kontro ezamti tal-parte civile *Omissis* u *Omissis* liema talba permezz tad-digriet datata 28 ta' Gunju 2019 giet michuda preliminarjament peress li l-kontro ezami seta' jsir fl-istess seduta meta xehdu l-allegti vittmi u fejn f'kull okkazzjoni l-imputati kellhom avukat difensur, u sabiex wiehed ma johloqx rivittimizzazzjoni fuq l-allegati vittimi;

Illi bl-akbar rispett lejn l-ewwel Qorti, l-appellanti sostnew u ghandhom issotnu li huma innocenti u l-kontro ezami ta' l-allegati vittmi kien intiz sabiex l-appellanti jkollhom l-opportunita sabiex jikkontradixxu dak li kien qed jigi alegat fil-konfront taghhom;

Illi apparti dan meta l-appellanti talbu ghar-riserva tal-kontro ezami taghhom, ma saret l-ebda oggezzjoni minn naha tal-prosekuzzjoni u l-Qorti ma qajmet l-ebda ostaklu sabiex il-kontro ezami jigi riservat. Kwistjoni simili kellha titqajjem in limine litis u mhux fis-stadju tad-difiza;

Illi a skans ta' ripettizzjoni l-appellant jaghmlu referenza ghan-noti ta' sottomissjonjiiet taghhom fuq ir-rigward sabiex issostnu aktar fuq dan id-dritt;

Illi l-esponenti umilment jhossu li din ic-cahda tmur kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan peress li huwa pilastru tad-dritt ta' smiegh xieraq li l-appellanti jigu moghtija l-fakulta li jaghmlu kontro ezami lil kull xhud li jitella mill-prosekuzzjoni u dan skond l-artikolu 393 tal-Kodici Kriminali;

Illi filwaqt li l-appellanti japprezzaw id-delikatezza tas-sitwazzjoni meta jkun hemm allegazzjoni li xhud ghandu jigi ittrattat bhala persuna vulnerabbli, daqstant iehor hija delikata s-sitwazzjoni taghhom li qed jigu akkuzati b'reati tant serji li taghhom huma prezunti innocenti;

Aggravju fuq il-Mertu

Illi bla pregudizzju ghal-punti imqajjma, il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellanti. Ir-ragunijiet principali huma is-segwenti;

Legalment il-Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzzjoni li l-Appellanti kienu hatja ta' l-Artikolu 248B.

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati tghid li l-ewwel imputazzjoni ossija l-imputazzjoni moghtija fit-termini u dicitura ta' l-artikolu 248A kontra l-appellanti ma kienitx tirrizulta u ma kienitx applikabli. Nonostante dan pero jidher li l-Qorti xorta wahda fid-decide tas-sentenza sabet htija fuq dan l-artikolu u dan b'referenza specifika ghal dan l-artikolu;

Jidher ukoll li l-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet u sabiet ukoll htija fl-appellanti taht l-artikolu 248B stante li l-Avukat Generali semma dan l-artikolu fir-rinviju ghal gudizzju tieghu;

L-appellanti jsostnu li legalment ukoll il-Qorti ma setghetx issib lill-Appellanti hatja ta' l-Artikolu 248B u dan peress li c-citazzjoni kienet kjarenti mill-fatti ta' dan l-artikolu u d-digitura kienet turi car u tond li l-appellanti kellhom jirrispondu ghall-imputazzjoni taht l-artikolu 248A li taghha sewwa sew il-Qorti ma sabietx htija.

Illi anke jekk l-Avukat Generali agixxa skond l-artikolu 433(5) tal-Kodici Kriminali l-elementi ta' l-Artikolu 248B u ta' l-Artikolu 248A huma differenti hekk ukoll l-intenzjoni kontemplata warajhom. Fil-fatt l-intenzjoni wara l-artikolu 248A hija dik li persuna tisfrutta persuna ohra fil-produzzjoni ta' oggetti jew fl-ghoti ta' servizzi filwaqt li l-intenzjoni wara l-Artikolu 248B hija dik li l-isfruttament ta' persuna jkun ghal fini ta' prostituzzjoni;

Ragonevolment il-Qorti ma setghetx issib htija fl-appellanti;

Qabel xejn l-Qorti naqset li tikkonsidra li dan il-kaz beda minhabba li allegatament kien hemm minuri involuta u li din il-minuri kienet giet traffikata go Malta ghal fini ta' prostituzzjoni. Minn dan ma irrizulta xejn anzi irrizulta totalment l-oppost;

Illi il-minuri in kwistjoni kienet it-tifla ta' l-appellanti li kienet qed tghix hajja normali mal-genituri taghha hawn Malta. Kienet tattendi l-iskola b'mod regolari u kif gie ippurvat permezz tax-xhiedha ta' Patrick Decelis, hi kienet studenta ezemplari;

Jidher pero li l-pulziija ghal xi raguni li jafu huma biss marret oltre l-informazzjoni li kellha minn traffikar ta' minorenni u spiccaw akkuzaw lill-appellanti inter alia bi traffikar ta' adulti;

Nuqqas ta' identifikazzjoni

Illi l-Qorti naqset ukoll li tikkonsidra li f'dan il-kaz l-allegati vittmi ma iddentifikawx lill-appellanti. Indipendentment x'qallu l-allegati vittmi, isswgwi ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli tassal ghas-sejbien ta' htija fl-appellanti;

Fil-fatt ix-xhud *Omissis* lanqas biss gie mitluba sabiex issir l-identifikazzjoni u kull ma ghamlet ix-xhud *Omissis* kienet li meta giet mitluba jekk taghrafx li xi hadd fl-Awla hija ndikat lil l-imputata bhala ohtha u li hija l-mara u r-ragel taghha;

Nuqqas ta' identifikazzjoni tal-website, mobiles, ritratti u dok RG1 u RG2 etc.

Illi l-istess joghod ghal dawk il-provi li l-prosekuzzjoni resqet sabiex jikkoroborraw ix-xhiedha ta' l-allegati vittmi. F'ebda stadju max-xxhieda ma gew mitluba jiddenfitikaw in-numri tal-mobiles li kienu jintuzaw, ir-ritratti li suppost kienu taghhom li kienu jintuza ghal fini ta' riklami, il-messaggi li kienu jigu interskambjati jew xi komunikazzjoni li allegatament kienet issir inkluz id-dokumenti li gew esebitti bhala RG 1 u RG 2;

Illi fil-mori tal-proceduri xhed Pc 101, Rizmao Gaffarena fejn qal li ghamel osservazzjoni fuq Vanessa Balog u li din it-tifla qatt qatt ma dehret tohrog minn l-appartament pero raw tfajla ohtra diehla u hierga. Huwa esebixxa Dok RG 1 u RG 2 li huwa xi ritratti ta' l-allegati vittmi li skond hu kienu fuq l-internet;

Illi dan id-Dok RG1 u RG 2 gie muri lil Constatnin-Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech sabiex jikkonfermaw l-identita tat-tfajliet li huwa kellhom x'jaqsmu maghhom;

Illi pero Dok RG1 u RG2 qatt ma gie muri lil allegati vittmi quddiem din l-Qorti sabiex jikkonfermaw jekk f'dawk ir-ritratti kienx hemm huma jew xi nisa ohra;

Illi ghalhekk ix-xhiedha li taw Constatnin-Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech ma tikkollaborax l-provi tal-prosekuzzjoni u l-attivita ta prostituzzjoni li fuqha qed thambad il-prosekuzzjoni;

Nuqqas ta' gharfien tal-ligwa ingliza minn l-allegati vittmi;

Illi f'dan il-kaz l-prosekuzzjoni assumiet li minhabba n-nuqqas ta'gharfien tal-lingwa Ingliza, l-appellata kienet tiehu hsieb u tiffacilita l-prostituzjoni ta' l-allegati vittmi;

Insosten ta dan saru domandi mill-prosekuzzjoni lix-xhieda Constatnin-Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech;

Illi pero mill-atti jirrizulta il-kuntrarju.

Anke skond ix-xhieda ta' Constatnin-Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech jidher car li dawn kienu qed jikkominkaw dirett ma l-allegati vittmi u ma kien hemm l-ebda intermedjarju;

Illi jekk kien hemm intermedjarju, il-prosekuzzjoni ma gabitx din il-prova. Anzi jekk xejn, l-appellanti ukoll ma ghandhom gharfien tal-ligwa Ingliza tant li l-proceduri f'dan il-kaz kienu qed jinstemghu bil-lingwa Maltija;

Xhiedha mhux attedibbli u li ma tistax toqghodx fuqha

Illi x-xhiedha moghtija minn *Omissis* u *Omissis* ma hiex versosimili u attendibbli u meta tara c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz ma taghmilx sens;

Illi l-allegati vittmi f'dan il-kaz jidheru li dak li allegatament kienu qed jaghmlu kienu qed jaghmluh volontarjament u ghax riedu huma. Fil-fatt huma qatt ma xhedu li l-appellanti kienu qed igieghluhom jaghmlu xi haga. Mill-provi ma irrizultax li l-vittmi kienu qed jigu inganati jew kienet qed tintuza xi forma ta' influenza jew pressjoni fuqhom. Lanqas irrizulta li kien hemm xi theddid jew xi serq ta' persuna. L-allegati vittmi kienu liberi li jaghmlu li jridu u fil-fatt minn l-osservazzjoni li ghamlet il-pulzija stess irrizulta li l-allegati vittmi kienu liberi li johrogu u jidhlu fl-appartment fejn kienu jghixu liberalment u bla resitrizzjoni fuqhom;

Anzi kollox kien jidher li l-allegati vittmi kienu qed jghixu hajja ahjar minn dik li kienu qed jghixu qabel bl-ghajuna li sabu minn ghand l-appellanti stess;

Illi mil banda l-ohra l-istill tal-hajja ta' l-appellanti ma kienitx xi wahda fenomenali. L-appellanta kienet fil-fatt tahdem bhala hassiela go lukanda. Persuna li tmexxi burdel b'sitt tfajliet minn ta' l-inqas kien provat tpingi l-kaz l-prosekuzzjoni ma tmurx tahsel f'lukanda;

Tant ix-xhiedha tal-vittmi kienet li ma tistax toqghod fuqha li f'dan il-kaz gie allegat stupru li kif irrikonoxxiet il-Qorti stess lanqas l-icken prova ma tressqet;

Hija inverosimili ukoll ghall-ahhar li dawn ix-xhiedha la kienu jafu fejn kienu qed jmorru u lanqas l-ismijiet tal-hotel li allegatment kienu qed jmorru fihom mal-klijenti;

Johrog ukoll mill-process ta' dan il-kaz li jekk kien hemm tfajliet ohra li kienu qed jigu ukoll sfruttati minn l-appellanti dawk telqu ukoll liberalment;

Finalment ix-xhiedha ta' *Omissis* hija xhiedha ta' persuna li mentalment ma hiex stabli.

Nuqqas ta' prova rigward l-appartament fejn allegatament kienet issir l-attivita sesswali

Illi l-prosekuzzjoni allegat ukoll l-appellanti kienu krew zewg appartamenti, wiehed sabiex jghixu fih u l-iehor sabiex issir l-protituzzjoni fih;

Illi fuq l-appartment li l-appellanti kienu jghixu gie ezebit kuntratt ta' kiri u John Vella li bhala sid ikkonferma il-kirja. John Vella jixhed li kien jikri il-flat 8 u kien irranga mal-mara. HI kienet thalsu u kien jaf li maghha kien jghix ir-ragel, it-tifla taghha u tfjala ohra bit-tarbija.

Rigward l-appartament li allegatment kienet qed issir din l-attivita kriminali li fuqha gie ibbazzat dan il-kaz ma tressqet l-ebda prova ghajr prova ta' tfittxija li saret go appartament bin-numru 4 liema tfittxija ma saritx fil-prezenza ta' l-appellanti;

Illi l-ebda ness ma gie stabilit bil-provi li ressqu il-pulziija bejn l-appelanti u dan l-appartament;

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha gew injorati totalment mill-Qorti u mehuda bhala fatti pruvati u dan peress li ma hu vera xejn li l-appellanti kienu qed b'xi mod jissodisfaw iz-zina ta' ahhddiehor billi bi vjolenza jew billi hajru b'qerq lill- *Omissis* u *Omissis* ghall-prostituzzjoni;

Illi lanqas kien vera li huwa kienu qed xjentement jghexu fuq il-qligh tal-prostitutzjoni ta' xi persuna jew kienu qed izommu xi burdell;

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tal-Magistrati ma kellha issib htija f'ebda imputazzoni fil-konfront ta' l-appellanti;

Aggravju fuq il-Piena

Illi minghajr pregudizzju ghal l-aggravju hawn fuq citata, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad dan l-aggravju, l-esponenti umilment jissottomettu li l-piena inflitta hija wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz;

Illi anke l-artikolu 412C(4) ma hux applikabbli meta tinghata sentenza izda huwa applikabbli biss bhala mizura preventiva waqt il-proceduri;[1]

Semghet lill-avuakti difensuri jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-24 ta' Lulju, 2020 u fil-presenza tal-interpreti nominati mill-Qorti.

Rat illi ghalhekk din il-kawza illun tinsab differita ghas-sentenza finali taghha

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Skont l-Ispettur John Spiteri[2], f'Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa rcieva informazzjoni minghand il-Pulizija Inglizi rigwardanti l-biza li kellhom dwar persuna

---

[1] Ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Grech'

[2] Fix-xhieda tieghu moghtija fil-5 ta' Gunju, 2018.

bl-isem ta' Vanessa Balog fejn kellhom suspett li setghet kienet traffikata ghal fini ta' prostituzzjoni gewwa Malta, dan ghaliex minn informazzjoni miksuba l-appellanti Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat kienu involuti f'cirku ta' traffikar ta' persuni kif ukoll ta' prostituzzjoni;

2. L-Ispettur Joseph Busuttil[3] spjega li wara li giet segwita Vanessa Balog li hija bint l-appellanta Robert Attilane Majlat wara l-iskola mill-Pulizija, gie stabilit fejn kienu qeghdin jirrisjedu l-appellanti;

3. Illi fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) saret tfittxija fl-appartament fejn irrizulta li f'dan l-appartament kienu jirrisjedu l-imputati, binthom, *Omissis* flimkien mat-tarbija taghha. Kien hemm ukoll prezenti *Omissis*;

4. Saret ukoll tftixxija f'appartament iehor fejn instabu diversi oggetti relatati mas-sess fosthom condoms u lingerie;

5. Il-Prosekuzzjoni allegat li n-numru tal-mobile li kienu jidhru fuq siti *online* fejn kien hemm ritratti tal-allegati vittmi, kien l-istess numru li l-appellanta taghat bhala *contact number* lid-dirigenti tal-iskola ta' bintha;

6. Il-parti lezi *Omissis* u *Omissis* allegaw li kienet l-appellanta li huma jsejhulha bl-isem ta' 'Anico' li kienet tikkomunika mal-klijenti u tiftiehem maghhom il-prezz, il-hin u l-post u li kienu jghaddu l-ammont shih li jkunu ircevew minghand il-klijenti lill-appellanti;

7. Ghaldaqstant inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanti.

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti jirrigwarda punti ta' procedura li skont l-appellanti jrendu s-sentenza nulla u bla effett. Din il-Qorti sejra ghalhekk tibda billi tqis

[3] Fix-xhieda tieghu moghtija fid-29 ta' Jannar, 2018.

dawn l-aggravji li huma ta' natura preliminari. L-appellanti jissottomettu li s-sentenza hija wahda nulla u bla effett u dan peress li l-procedura tal-gbir tal-provi kienet wahda monka u leziva ghad-drittijiet tal-appellanti kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 534AC et sequitur tal-Kodici Kriminali. Jissottomettu li tul il-proceduri ma kienux f'kull seduta assistiti minn traduttur u diversi xhieda xehdu bil-lingwa li huma ma jifhmux.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li skont il-verbali tas-seduti ta' quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta li l-appellanti mhux dejjem kienu assistiti minn traduttur f'kull seduta stante li mhux f'kull verbal tnizzel li kien hemm il-prezenza ta' interpretu u f'xi waqtiet ghalkemm kien hemm prezenti interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza, mhux dejjem kien hemm prezenti interpretu mill-lingwa Ingliza ghal dik Ungeriza u mill-lingwa Ungeriza ghal dik Ingliza.

Jirrizulta li fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn l-unika xhud li kienet instemghet kienet Dr Marisa Mifsud li esebiet it-traskrizzjoni tal-istqarrijiet u t-traduzzjoni tal-istess stqarrijiet, kienu nhatru Dr Lennox Vella u Dr Marisa Mifsud bhala interpreti mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza. Ma jirrizultax li kienet prezenti l-interpretu mill-lingwa Ingliza ghal dik Ungeriza. F'dik is-seduta l-appellanti kienu assistit minn Avukat.

Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) skont dak li jirrizulta mill-verbal ta' din is-seduta, il-Qorti kienet hatret lil Dr Marisa Mifsud bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa izda ma jirrizultax li kien prezenti intrepretu mill-lingwa Ingliza ghal dik Ungeriza u vice versa. F'dik is-seduta kienu xehdu PS1326 Roy Sciberras li prezenta numru ta' mobiles u apparat elettroniku kif ukoll WPC 186 Dorianne Tabone li prezentat kaxxa hwejjeg u zraben. F'dik is-seduta il-Qorti laqghet talba tal-prosekuzzjoni biex jinhatar espert tekniku sabiex mid-devices li huma mobile phones antiki jinhareg l-sms u t-telefonati u kull tip ta' komunikazzjoni f'social media u jigu *downloaded* kull ritratt li hemm go fihom u fejn il-Qorti ghal dan il-

ghan hatret lil Dr Martin Bajada. F'din s-seduta l-appellanti kienu assistiti mill-Avukat difensuri.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ma jirrizultax li kien hemm prezenti l-interpretu Krisztina Kalla bhala interpretu mill-lingwa Ungeriza ghal dik Ingliza izda kien prezenti Dr Lennox Vella bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza. F'dik is-seduta Dr Martin Bajada xehed u prezenta r-rapport tieghu. Fl-istess seduta wara li nqraw l-artikoli, l-appellanti iddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja. L-imputati f'dik is-seduta kienu assistiti minn Avukat.

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) ghalkemm Dr Lennox Vella kien prezenti bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa, l-interpretu mill-lingwa Ungeriza ghal dik Ingliza ma jirrizultax kinitx prezenti. F'dik is-seduta kienet saret trattazzjoni dwar talba tad-difiza. L-istess jinghad ghas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u satax (2019) fejn kien prezenti Dr Lennox Vella bhala interpretu mil-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa u f'dik is-seduta kienet xehdet Dr Ethel Felice li prezentat rapport. Fis-seduta sussegwenti tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) keinet xehdet Dr Ethel Felice u prezentat rapport iehor fejn izda ma jirrizultax li kien hemm interpretu prezenti.

Din il-Qorti tinnota ukoll li meta xehdet il-parte civile *Omissis* fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) gialadarba l-parte civile waqt ix-xhieda taghha kienet qieghda tigi assistita minn tradittur, ma jirriuzltax min kien qieghed jaghmel traduzzjoni lill-appellanti fl-istess waqt. L-istess jinghad dwar meta xehdet *Omissis* fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn kienet assistita minn tradittur u ghalhekk ma jirrizultax min kien qieghed jitraduci lill-appellant waqt l-ghoti tax-xhieda taghhom.

L-appellanti fl-appell taghhom jaghmlu referenza ghall-artikolu 534AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti d-dritt ghall-interpretazzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi li:

'*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AĊ, 451 u 516(2) meta l-persuna suspettata ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa li qed tintuża waqt il-proċeduri kriminali, skont ma jkun il-każ, għandha tingħata, bla ebda dewmien, interpretu waqt il-proċeduri msemmija, inkluż waqt l-interrogazzjoni li ssir mill-pulizija.*

*(2) Is-servizz ta' interpretazzjoni għandu jkun disponibbli għall-komunikazzjoni bejn il-persuna suspettata jew l-akkużat u l-avukat tiegħhom f'konnessjoni diretta ma' kull interrogazzjoni jew mas-smigħ tal-kawża matul il-proċeduri jew fil-preżentazzjoni ta' appell jew rikorsi proċedurali oħra.*

*(3) Id-dritt għall-interpretazzjoni taħt is-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw għall-persuni li għandhom impediment fis-smigħ jew fit-taħdid.*

*(4) Għandu jkun fid-dmir tal-Pulizija Eżekuttiva u tal-qorti, skont il-każ, li jivverifikaw jekk il-persuna suspettata jew l-akkużat jifhmux u jitkellmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-proċeduri kriminali u jekk hemmx il-bżonn ta' assistenza minn interpretu.*

*(5) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jinftiehem li qed jipprekludi l-persuna suspettata jew l-akkużat li jitolbu li kull tip ta' deċiżjoni li, f'kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, tgħid li ma hemmx il-ħtieġa għall-interpretazzjoni tkun ikkontestata, u, meta l-intepretazzjoni tkun ingħatat, il-possibilità li wieħed jilmenta dwar il-kwalità tal-interpretazzjoni li mhijiex sufficjenti sabiex tissalvagwardja proċedura ġusta.*

*(6) Is-servizz ta' interpretazzjoni pprovdut taħt dan l-artikolu għandu jkun wieħed ta' kwalità sufficjenti sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta, b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li l-persuna suspettata jew l-akkużat ikunu jafu dwar il-każ kontrihom u li għandhom d-dritt li jeżerċitaw id-dritt għal difiża.*'

**Id-DIRETTIVA 2010/64/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, fl-artikolu 2.1 tipprovdi li:**

'*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni suspettati jew akkużati li ma jifhmux jew ma jitkellmux il-lingwa tal- proċedimenti kriminali kkonċernati, jiġu pprovduti b'interpretazzjoni mingħajr dewmien matul proċedimenti kriminali quddiem l-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji, inkluż waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija, is-seduti tal-qorti kollha u kwalunkwe seduti interim meħtieġa.*'

Ghalhekk kull suspettat u imputat ghandu dritt ghal interpretu f'kull stadju tal-proceduri u cioe' kemm matul l-interrogazzjoni u anke f'kull seduta quddiem il-Qorti. Din il-Qorti tqis li ma jirrizultax li l-appellanti jifhmu bil-lingwa Maltija filwaqt l-appellanta Robert Attilane Maljat tifhem bl-Ingliz skont dak li jirrizulta mill-atti filwaqt li l-appellant Robert Attila Maljat ma tantx jaf jitkellem bl-Ingliz. Dan jirrizulta mill-istqarrija tal-appellanta Robert Attilane Majlat rilaxxata fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), mistoqsija:

'*Inspector John Spiteri: Okay and does Omissis speak English?*

*Hungarian Interpreter: Tiny, tiny bit.*

*Inspector John Spiteri: Who speaks English in this, in this house? Herself, Vanessa ...*

*Hungarian Interpreter:* ***<u>She speaks</u>*** *and Vanessa.*

*Inspector John Spiteri: Only? And her...*

*Hungarian Interpreter: Her husband speaks but not well but regarding business, he understands everything because he used to work in Canada for four (4) years.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Filwaqt li l-appellant Majlat Robert Attila fl-istqarrija tieghu rilaxxata fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) tramite l-interpretu qal '*So his wife works in San Anton Hotel and the plan was that he goes there as well to do the same job but his English is not good enough yet so he needs to improve on that before he works*.'

Ghalhekk l-appellanti kellhom dritt li jkollhom interpretu prezenti f'kull seduta sabiex huma jkunu jafu ezattament x'inhu ghaddej fis-seduta u x'qeghdin jixhdu x-xhieda. Minkejja li ma jirrizultax li f'kull seduta l-appellanti kienu assistiti minn interpretu, l-appellanti tramite l-Avukati difensuri taghhom fl-ebda seduta fejn ma kienx hemm interpretu prezenti, ma talbu sabiex is-seduta ma titkomplix sakemm jasal l-interpretu u ghalhekk ma jistghux issa f'dan l-istadju iressqu lanjanza bhal din meta quddiem l-Ewwel Qorti ma opponewx li s-seduta ssir minghajr interpretu. Dan il-parti tal-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellanti jissottomettu ukoll fl-appell taghhom li proceduralment il-parte offiza f'dan il-kaz qatt ma talbet formalment li tigi ammessa bhala parte civile bi ksur lampanti tal-procedura kontemplata fl-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali. Li nonostante dan, hija thalliet tiehu sehem attiv fil-kawza b'detriment serju tal-procedura u bi pregudizzju ghad-dritt tas-smiegh xieraq tal-appellanti. Skont l-appellanti dan in-nuqqas jrendu s-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellanti bhala nulla u bla effett u dan peress li l-prosekuzzjoni ghandha titmexxa biss mill-prosekuzzjoni.

L-artikolu 410(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), persuna li ma tiġix notifikata bl-avviż imsemmi fis-subartikolu (4) u li tkun qed tippretendi li hi parti offiża tista' titlob lill-Qorti li tiddaħħal fil-proċeduri bħala parti offiża u jekk il-pretensjoni tagħha li hija parti offiża tintlaqa' mill-qorti, minn dak il-waqt 'il quddiem dik il-persuna jkollha l-jedd li tkun preżenti matul kull smigħ li jiġi wara wkoll jekk tkun xhud.*'

Ghalkemm ma jirrizultax li l-Avukati tal-parte civile kienu prezenti meta l-appellanti tressqu bl-arrest, sussegwentement l-Avukati tal-parte civile dehru fil-maggorparti tas-seduti u ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega li l-parte civile jaghmlu talba sabiex jigu ammessi bhala parti offiza gialadarba huma kienu qeghdin jidhru fis-seduti. It-talba li

ssir *ai termini* tal-artikolu 410(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issir meta il-parti leza ma tkunx giet notifikata bl-avviz tal-ewwel smiegh. F'dan il-kaz partikolari gialadarba l-legali tal-parte civile kienu jidhru ghas-seduti ma kien hemm l-ebda htiega li jitolbu li jigu ammessi bhala parte civile. Hemm differenza kbira bejn dak li jigri quddiem il-Qorti tal-Magistrati meta kkomparat ma dak li jsehh quddiem il-Qorti Kriminali. Fis-sens li filwaqt li l-parte civile ghandha dritt li tezercita sehem attiv fl-istadju tal-kumpilazzjoni, il-partijiet quddiem il-Qorti Kriminali huma ir-Repubblika ta' Malta kif rapprezentata mill-Avukat Generali u l-akkuzat bl-Avukati difensuri tieghu. Ghalhekk il-parte civile ma ghandha l-ebda locus standi fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali izda totjeni locus standi biss sabiex taghmel sottomissjonijiet dwar il-piena biss jekk wara li l-parti offiza titlob lil Qorti Kriminali permezz ta' rikors *ai termini* tal-artikolu 490(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tkun ammessa personalment jew b'avukat li taghmel sottomissjonijiet dwar is-sentenza fl-eventwali li l-Qorti tilqa' dik it-talba.

Ghalhekk il-parte civile ma kellhomx ghalxiex jitolbu sabiex jigu ammessi bhala parte civile stante li l-Avukati taghhom kienu jidhru huma stess fil-maggorparti tas-seduti. B'zieda ma dan, din il-Qorti tqis li l-appellanti fl-ebda mument ma opponew ghal prezenza tal-Avukati tal-parte civile u lanqas ghal prezentata ta' risposti u atti ohra da parti tal-parte civile. Ghaldaqstant, dan l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellanti qeghdin ukoll jappellaw mid-digriet interlokutorju tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019). L-appellant kienu talbu sabiex jaghmlu l-kontro ezami tal-parte civile *Omissis* u *Omissis*, liema talba giet michuda permezz tad-digriet tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tass-sena elfejn u dsatax (2019) kemm ghax il-kontro ezami seta jsir fl-istess seduta meta xehdu l-allegati vittmi u fejn f'kull okazzjoni l-imputati kellhom Avukat difensur, kif ukoll sabiex ma jinholoqx

rivittimizzazzjoni fuq l-allegati vittmi. Jissottomettu li huma innocenti u l-kontro-ezami tal-allegati vittmi kien intiz sabiex l-appellanti jkollhom l-opportunita' sabiex jikkontradixxu dak li kien qieghed jigi allegat fil-konfront taghhom. Jissottomettu ukoll li meta l-appellanti talbu ghar-rizerva tal-kontro-ezami taghhom, ma saret l-ebda oggezzjoni minn naha tal-prosekuzzjoni u l-Qorti ma qajmet l-ebda ostaklu sabiex il-kontro-ezami jigi rizervat. Jissottomettu li l-kwistjoni kellha titqajjem *in limine litis* u mhux fis-stadju tad-difiza. L-appellanti isostnu li c-cahda tmur kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan peress li huwa pilastru tad-dritt ta' smiegh xieraq li l-appellanti jigu moghtija l-fakulta li jaghmlu kontro-ezami lil kull xhud li jitella mill-prosekuzzjoni u dan skond l-artikolu 393 tal-Kodici Kriminali. Jissottomettu li filwaqt li l-appellanti japprezzaw id-delikatezza tas-sitwazzjoni meta jkun hemm allegazzjoni li xhud ghandu jigi trattat bhala persuna vulnerabbli, daqstant iehor hija delikata s-sitwazzjoni taghom li qed jigu akkuzati b'reati tanti serji li taghhom huma prezunti innocenti.

Ikkunsidrat;

Meta xehdet *Omissis* fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien beda jsirilha l-kontro-ezami b'dan li l-kontro-ezami ulterjuri gie rizervat. Din il-Qorti fliet il-filmat tal-video conferencing tax-xhieda ta' dan ix-xhud fejn irrizulta li l-Avukat tal-parte civile kienet insistiet li l-kontro-ezami kellu jsir dakinhar stess u li ma setghax jitkompla f'seduta ohra, il-Qorti kienet izda iddeciediet li tiddiferixxi il-kawza ghal gimgha ta' wara u cioe' ghal hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fit-tmienja u nofs ghal kontinwazzjoni tal-kontro ezami tax-xhud *Omissis*. Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Prosekuzzjoni infurmat lil Qorti illi x-xhud *Omissis* tinsab rikoverata l-Isptar Monte Carmeli u ghalhekk m setghetx tattendi ghas-seduta. Il-Prosekuzzjoni kienet kompliet tressaq ix-xhieda taghha.

Meta xehdet *Omissis* fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) jirrizulta li li ma sarx il-kontro-ezami. Din il-Qorti wara li fliet il-filmat tal-videoconference ta' dan ix-xhud, irrizultala li ghalkemm fil-verbal ta' dik is-seduta hemm imnizzel li l-imputati kienu assistiti minn Dr. Patrick Valentino, l-Avukat Dr. Patrick Valentino ma jidhirx prezenti fil-kamra fejn ittiehdet ix-xhieda ta' *Omissis* u ghalhekk il-Qorti kienet irrizervat il-kontro-ezami. Ma jirrizultax jekk l-Avukat kienx prezenti fl-awla flimkien mal-imputati waqt li nghatat ix-xhieda ta' *Omissis*, izda a differenza ta' dak li sehh meta xehdet *Omissis* fejn l-Avukat difensur kien prezenti fl-istess kamra fejn kien hemm prezenti x-xhud, l-Avukat tal-parte civile, l-Ufficjal Prosekutur u l-Magistrat, l-Avukat difensur Dr Patrick Valentino ma kienx prezenti fl-istess kamra mata xehdet *Omissis*.

Jirrizulta wara li nghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni u ghalhekk fl-istadju tal-provi tad-difiza, l-appellanti tramite l-Avukati difensuri taghhom kienu ghamlu talba fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sabiex isir il-kontro-ezami ta' *Omissis* u jitkompla l-kontro ezami ta' *Omissis*. Il-Qorti kienet irrizervat li tipprovdi dwar dan wara li tisma x'ghandhom xi jghidu l-prosekuzzjoni u l-parte civile fis-seduta li jmiss. Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-Qorti kienet idderiegiet lid-difiza sabiex jipprezentaw rikors bit-talba taghhom. L-appellanti filfatt kienu prezentaw nota fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn sostnew it-talba taghhom biex isir il-kontro-ezami tal-parte civile. L-parte civile kienu rrispondew ghal din it-talba. Il-Qorti kienet iddeciediet li qabel ma tiddeciedi t-talba, tisma' lil psikjatra Dr Ethel Felice. Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) Dr Ethel Felice dwar *Omissis* ikkonkludiet li '*din qed tbati, is suffering from complex post traumatic disorder with psychosis for which she is on psychiatric treatment and presenting undergoing rehabilitation at...*' Spjegat li '*Exposing her to give evidence again will be detrementing to her mental health as she, as she still has evidence of psychotic symptoms and is not yet stabilized.*' Fir-relazzjoni immarkata

bhala Dok EF1 a fol 400, il-konsulent psikjatra Dr Ethel Felice fost rizultanza ohra dwar *Omissis* spjegat li:

'*She is suffering with Complex Post Traumatic Stress Disorder with psychotic symptoms for which she required multiple admissions to Mount Carmel Hosital for stabilization. This condition also led to her inability to cope with normal life events and to care for her infant and major personal hardship.*

*The experience of psychotic symptoms indicate that she is also at risk of potentially dangerous behaviours including suicidal thoughts, suicidal attempts and general overall distress.*

***Conclusion***

*Omissis is suffering from complex Post Traumatic Stress Disoreder with psychosis for which she is on psychiatric treatment and presently undergoing rehabilitation (...) Exposing her to give evidence again will be detrimental to her mental health as she still has evidence of psychotic symptoms and is not yet stabilized.*'

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) Dr Ethel Felice dwar *Omissis* ikkonkludiet li ' *Omissis is very vulnerable and exposing her to recall again her traumas would be detrimental to her mental state and there are a lot of stabilizing factors at the present time, she is employed, she is living in a Shelter and she is doing well but her past history since coming to Malta involved several admissions to Mount Carmel with her file and also on her psychiatric condition what she was going through. So this would be very detrimental on her mental state because it could cause a relapse of her symptoms.*' Dr Ethel Felice mistoqsija mid-difiza '*Did you consider that she can give evidence through a video conference, basically not being present in the same Court Hall with the accused?*' wiegbet '*But this is not about video conferences, this is abut open up to events that happened in her past. Now unless there is someone or unless there is closure whenever they open up this could have a very negative effect on her mental state. Now she is very, the vulnerability is shown in her way that she was admitted to Mount Carmel because of her suicidal thoughts.*' Fir-rapport dwar *Omissis* immarkat bhala Dok EF2 u li jinsab a fol 412 et sequitur dwar il-mental state

examination fost rizultanzi ohra tnizzel li '*She felt low due to the multiple problems in her life with disturbed sleep. At times she had death wishes but no suicidal ideations or active plans.*

*There was evidence of visual hallucinations and command hallucinations. there was no thought disorder or delusions.*

*On cognitive testing she was oriented to time place and person. Her attention and concentration was good.*

*Her insight into her illness was good.*'

F'dan ir-rapport gie spjegat ukoll li '*There were many instances that she would ruminate about her children and she would become suicidal. Consequence to this she would require admission to Psychiatric hospita for observation.*'

F'dan ir-rapport gie konkluz li '*Omissis has been diagnosed with Borderline Personality Disorder following several traumatic events in her childhood and adulthood. Her main problem is emotional dysregulation brought about by rumination of her losses and traumas.*

*Omissis is very vulnerable and exposing her to recall again her traumas would be detrimental to her mental health.*'

Sussegwentement id-difiza regghet prezentat nota ta' sottomissjonijiet dwar it-talba taghha sabiex isiru jew jitkomplew il-kontro-ezamijiet in kwistjoni. Il-parte civile u l-Ispettur John Spiteri ukoll prezentaw noti ta' sottomissjonijiet responsivi fejn opponew ghal din it-talba. L-Ewwel Qorti permezz tad-digriet studjat tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) cahdet it-talba tad-difiza.

Ikkunsidrat;

Il-'*Protocol to Prevent, Suppress and Punish Trafficking in Persons Especially Women and Children, supplementing the United Nations Convention against Transnational Organized Crime Adopted and opened for signature, ratification and accession by General Assembly resolution 55/25 of 15 November 2000*', fl-artikolu 9.1 jipprovdi li:

'*States Parties shall establish comprehensive policies, programmes and other measures:*

*(a) To prevent and combat trafficking in persons; and*

*(b)* ***To protect victims of trafficking in persons, especially women and children, from revictimization****.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Il-'*Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings*' fl-artikolu 32 tipprovdi li:

> '*The Parties shall co-operate with each other, in accordance with the provisions of this Convention, and through application of relevant applicable international and regional instruments, arrangements agreed on the basis of uniform or reciprocal legislation and internal laws, to the widest extent possible, for the purpose of:*
>
> *– preventing and combating trafficking in human beings;*
>
> *–* ***protecting and providing assistance to victims****;*
>
> *– investigations or proceedings concerning criminal offences established in accordance with this Convention.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Skont l-artikolu 12 tal-Kapitolu 539 tal-Ligijiet ta' Malta vittmi ta' traffikar tal-bnedmin huma kkunsidrati bhala persuni vulnerabbli.

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti taghmel referenza ghad-'*DIRETTIVA 2011/36/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/GAI*' trasposita fil-ligi Maltija. L-artikolu 12(4) ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

'***Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża****, u skont il- valutazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin* ***jirċievu trattament speċifiku mmirat biex tiġi***

***prevenuta l-vittimizzazzjoni billi jiġu evitati***, ***sa fejn ikun possibbli*** *u skont ir-raġunijiet definiti mil-liġi nazzjonali kif ukoll mar-regoli tad-diskrezzjoni, il-prattika jew il-gwida ġudizzjarja, dawn li ġejjin:*

*(a)* ***ripetizzjoni mhux meħtieġa ta' intervisti waqt l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess****;*

*(b) il-kuntatt viżiv bejn il-vittmi u l-imputati inkluż matul l- għoti tax-xhieda bħal fil-każi ta' interroġazzjoni u kontroeżami, b'modi xierqa inkluż l-użu ta' faċilitajiet awdjoviżivi xierqa;*

*(c) l-għoti ta' xhieda fil-qorti bil-miftuħ; u*

*(d) mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata.* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-artikolu 18 tad-'*DIRETTIVA 2012/29/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal- kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/GAI*' li jipprovdi li:

'***Bla preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża***, *l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri disponibbli għall-protezzjoni tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom* ***minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta***, *minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, inkluż kontra r-riskju ta' ħsara emozzjonali jew psikoloġika, u għall-protezzjoni tad-dinjità tal-vittmi waqt l- interrogazzjoni u meta jagħtu x-xhieda tagħhom. Meta meħtieġ, tali miżuri għandhom jikludu wkoll proċeduri stabbiliti taħt il- liġi nazzjonali għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi u l-membri tal- familja tagħhom.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Il-paragrafu 58 tal-preambolu ta' dik id-Direttiva jaghmilha cara li:

'*Vittmi li ġew identifikati bħala* ***vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta***,

*intimidazzjoni u ritaljazzjoni għandhom jingħataw il-miżuri adatti biex jipproteġuhom matul il-proċedimenti kriminali. In-natura eżatta ta' tali miżuri għandha tiġi determinata permezz tal-valutazzjoni individwali, b'kont meħud tax-xewqa tal-vittma. Sa fejn kwalunkwe tali miżura għandha tiġi determinata* ***mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiż****a u f'konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja. It-tħassib u l-biża' tal-vittmi b'rabta mal-proċedimenti għandhom ikunu fattur ewlieni fid-determinazzjoni ta' jekk ikunux jeħtieġu xi mizura partikolari.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kaz, tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-parte civile huma kkunsidrati bhala persuni vulnerabbli u li ghandhom ikunu salvagwardata f'kull stadju tal-proceduri, din il-Qorti tqis ukoll li l-mod ta' kif isiru l-intervisti inkluz il-mod ta' kif tittiehed ix-xhieda ta' allegati vittmi ta' traffikar tal-bniedem ghandhom ikunu tali li ma jaghmlux aktar hsara fuq il-vittmi u jekk jista' jkun ma jigux soggetti ghal repetizzjoni ta' xhieda u ghalhekk jigi evitat ir-rivittimizzar taghhom. Din il-Qorti filfatt tinnota li l-Ewwel Qorti semghet ix-xhieda ta' dawn ix-xhieda tramite l-procedura tal-videoconferencing u ghalhekk l-imputati u l-allegati vittmi ma kienux fl-istess awla meta xehdu l-vittmi. Din hija ghodda importanti mhux biss meta jixhdu minuri izda meta jixhdu vittmi ta' reati bhal dawk li taghhom l-appellanti gew mixlija dwarhom. B'zieda ma dan, din il-Qorti tqis li ma hemm xejn li jipprojbixxa li l-allegati vittmi jixhdu fil-prezenza ta' persuni professjonali li jkollhom fiducja fihom bhal ma huma haddiema socjali. Din il-Qorti tishaq ukoll li l-ambjent ta' fejn tittiehed ix-xhieda u l-mod ta' kif jitpoggew il-mistoqsijiet huwa fattur importanti sabiex jigi accertat li x-xhieda ma jkunux intimidati bl-ambjent u bil-mod ta' kif jitpoggew il-mistoqsijiet. Mizura ohra li tista' tittiehed huwa li ma jkunx hemm daqstant persuni prezenti fl-istess kamra ta' fejn tittiehed ix-xhieda permezz tal-procedura tal-videoconferencing, fejn l-Avukat difensur jista' jibqa' fl-awla u ghalhekk mhux fl-istess kamra max-xhud, isaqsi l-mistoqsijiet li jrid jaghmel in kontro-ezami u jkun il-gudikant li wara li jevalwa kull mistoqsija mpoggiha mid-difiza, li jistaqsiha lix-xhud.

Din il-Qorti tishaq li xhieda vulnerabbli ghandhom ikunu protetti f'kull stadju u cioe' kemm matul l-investigazzjoni fejn ma ghandhomx jigu soggetti ghal intervisti ripettitivi minn ufficjali tal-Prosekuzzjoni u minn professjonisti ohra, kemm matul il-proceduri kriminali fejn ukoll ma ghandhomx ikunu soggetti ghal mistoqsijiet repettitivi kif ukoll wara li jigu konkluzi l-proceduri kriminali ghandhom jibqghu jinghatghu l-ghajnuna mehtiega. Minn naha l-ohra, wiehed ma jistax jinjora d-drittijiet tal-appellanti qua akkuzati u cioe' li huma presunti innocenti sakemm misjuba hatja u li ghandhom dritt ghal smiegh xieraq. Abbinat ma dan, ghandhom id-dritt li jaghmlu l-kontro ezami ta' kull xhud li jittella jixhed. Filfatt b'harsa lejn l-artikoli tad-direttivi citati aktar kmieni f'din is-sentenza, il-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex vittmi ma jigux rivitimazzati huma minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tad-difiza. Li jfisser li la darba d-difiza ghandha d-dritt li taghmel il-kontro-ezami ta' kull xhud li jittella mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk anke lil parte civile, ma tistax tigi kreati sitwazzjoni li dan id-dritt jigi mcahhad.

Jirrizulta li meta *Omissis* xehdet bil-procedura tal-video conferencing, minkejja li l-Avukat tal-parte civile kienet insistiet li l-kontro-ezami jitlesta dak in-nhar stess, il-Qorti kienet iddeciediet li tirrizerva ulterjorament il-kontro-ezami, liema kontro-ezami kellu jitkompla fis-seduta ta' wara izda rrizulta li x-xhud *Omissis* ma dehritx stante li kienet tinsab rikoverata l-Isptar Monte Karmeli. Sussegwentement il-prosekuzzjoni f'dik is-seduta u fis-seduti ta' wara baqghet ittella x-xhieda taghha jiddeponu. Wahda mix-xhieda kienet il-parte civile *Omissis* fejn kif gia inghad ghalkemm skont il-verbal tal-istess seduta, l-imputati kienu assisti minn Dr Patrick Valentino f'dik is-seduta, l-Avukat Patrick Valentino ma jirrizultax li kien prezenti fl-istess kamra ta' meta inghatat ix-xhieda u filfatt mill-filmat tal-videoconference jirrizulta li meta l-Magistrat sedenti gie infurmat li l-Avukat ma kienx hemm, il-Qorti xorta semghet x-xhieda u rrizervat il-kontro-ezami. F'dik is-seduta ma jirrizultax li kien hemm oppozizzjoni biex il-kontro ezami jigi rizervat.

Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kellha fis-seduti li xehdu l-parte civile li huma kkunsidrati bhala xhieda vulnerabbli, ma tippermettiex li l-kontro-ezami jigi rizervat u kellha tissospendi s-seduta ghal aktar tard dak in-nhar stess sabiex taghti l-opportunita' lid-difiza sabiex fil-kaz tax-xhud *Omissis*, jitkompla l-kontro-ezami wara li l-Avukat jikkonsulta mal-klijenti tieghu u cioe' mal-imputati u l-kontro-ezami kien jitkompla u jitlesta dakinhar stess. L-istess jinghad dwar meta xehdet *Omissis*, kellu jkun hemm prezenti l-Avukat difensur sabiex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami dak in-nhar stess u jekk kien hemm il-bzonn tigi, kellha tigi sospiza s-seduta ghal aktar tard dakinhar stess sabiex wara li l-Avukat jikkonsulta mal-klijenti tieghu cioe' mal-imputati, isir il-kontro-ezami. Gialadarba il-Qorti ppermetiet li l-kontro-ezami jigi rizervat jew ulterjorament rizervat, ma setghetx sussegwentement tiddeciedi li tichad it-talba biex isir il-kontro-ezami u fl-istess hin tippermetti li x-xhieda ta' dawn iz-zewg xhieda tibqa' in atti. Filfatt f'kaz li kien hemm l-impossibilita' li jixhdu dawn ix-xhieda in kontro-ezami bhal fil-kaz meta xhud ma jkunx ghadu jirrisjedi Malta, f'dak il-kaz kontro-ezami jista' jsir permezz ta' ittri rogatorji. Ma jirrizultax li dan huwa l-kaz fil-kaz odjern.

Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li taqbel li l-Qrati ghandhom l-obbligu sabiex jiprotegu l-allegati vittmi u sabiex jaghmlu dak kollu possibli sabiex dawn ix-xhieda ma jigux ri-vittimizzati, din il-protezzjoni kellha tinghata waqt ix-xhieda taghhom u kif inghad il-Qorti ma kelliex tippermetti li l-kontro-ezami isir jew jitkompla f'seduta ohra. Gialadarba il-Qorti ppermettiet li l-kontro-ezami jigi rizervat, ic-cahda tat-talba fl-istadju tad-difiza sabiex isir u/jew jitkompla l-kontro-ezami setghet kienet ta' detriment ghad-drittijiet tal-imputati. Din il-Qorti taghmilha cara li d-digriet tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa studjat u jirrizulta car li c-cahda tal-Ewwel Qorti sabiex isir il-kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda ma kinitx decizjoni mghagla u dan tenut kont li l-Qorti mhux biss tat il-partijiet cans sabiex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom izda in oltre' semghet anke lil konsulent psikjatra Dr Ethel Felice li anke prezentat ir-relazzjonijiet taghha fejn kienet cara fil-konkluzjoni taghha li jekk dawn ix-xhieda ikollhom jergghu jixhdu dan kien ser ikun ta' detriment ghas-

sahha mentali ta' dawn ix-xhieda. Din il-Qorti biss tqis li abbazi tal-*equality of arms* la darba l-Qorti ppermetiet li l-kontro-ezami jigi rizervat, ma setghetx tichad it-talba biex isiru l-kontro-ezamijiet ta' dawn ix-xhieda hekk krucjali u fl-istess waqt thalli l-istess xhieda fl-atti, kellha izda tqis modi ta' kif isir il-kontro-ezami u dan sabiex timmitiga hsara fuq il-parte civile. Il-Qrati ghalkemm filwaqt li ghandhom jassiguraw li allegati vittmi jigu protetti, ghandhom daqstant iehor jassiguraw li d-drittijiet tad-difiza ma jigux mittiefsa.

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li kien hemm xi lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq tal-appellanti, sabiex ma jkun hemm l-ebda lezjoni, din il-Qorti sejra tirrevoka d-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u sejra tordna sabiex isir il-kontro-ezami tal-parte civile *Omissis* u *Omissis* u dan bil-procedura tal-video conferencing u/jew kwalunkwe procedura u b'kull mizura necessarja sabiex jigi accertat li dawn ix-xhieda ma ssirilhomx hsara u ghal dan il-ghan il-Qorti ghandha tiehu dawk il-mizuri kollha fosthom fejn professjonisti fil-qasam tas-sahha mentali jigwidaw x'inhu l-ahjar mod ta' kif ghandu jsir il-kontro-ezami u fejn il-Qorti ghandha tikkontrolla u tevalwa kull mistoqsija li ssir mid-difiza in kontro-ezami qabel ma din tigi indirizzata lil parte civile u li ma tippermettix li mistoqsijiet li gia saru in kontro-ezami fir-rigward ta' *Omissis* jergghu jigu repetuti. Din il-Qorti stante li sejra tirrevoka d-digriet tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra kontenuti fir-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata, thassar u tirrevoka d-digriet tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u tordna sabiex jitkompla l-kontro-ezami ta' *Omissis*[4] u li jsir il-

[4] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' dan ix-xhud tas-27 ta' Novembru, 2017 ,din ix-xhud hija indikata bhala '*Omissis*'

kontro-ezami ta' *Omissis* [5] u sabiex sussegwentement il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tghaddi biex terga tiddeciedi l-kawza mill-gdid.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[5] Fil-verbal u t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' dan ix-xhud tas-16 ta' Jannar, 2017, din ix-xhud hija indikata bhala ' *Omissis*.